II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Novembru 2009

dwar miżuri ta' emerġenza li jimponu kundizzjonijiet speċjali fuq kontrolli uffiċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' lanġas li joriġina fi jew li huwa kkunsenjat mit-Turkija minħabba f'livell ta' residwi għolja ta' amitraz

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 8977)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/835/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(ii) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE [2] jiddefinixxi fost oħrajn il-Livell Massimu tar-residwu (LMR) għall-amitraz u l-metaboliti tiegħu.

(2) Is-Sistema Rapida ta' Twissija għall-Ikel u l-Għalf (RASSF) ġiet notifikata f'diversi okkażjonijiet fl-2007, l-2008 u l-2009 li l-lanġas li joriġina mit-Turkija kien instab b'livelli ta' amitraż li kien jaqbeż id-Doża ta' Referenza Akuta (ArfD) indikata għal dan il-pestiċidi. L-aħħar tagħrif li wasal mill-awtoritajiet Ġermaniżi fil-21 ta' Ottubru 2009, kien jindika li fl-analiżi l-aktar riċenti l-amitraz kien instab f'livelli li jaqbżu sew l-ARfD.

(3) Billi hemm livell għoli ta' riskju li għalih jistgħu jkunu esposti l-konsumaturi Ewropej, l-Istati Membri għandhom jikkontrollaw mill-inqas 10 fil-mija tal-konsenji ta' lanġas li joriġina mit-Turkija għall-preżenza tal-amitraz mal-importazzjoni. Konsenji li huma diġà fis-suq għandhom ukoll ikunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali.

(4) L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bir-riżultati kollha tal-ittestjar. Ir-riżultati mhux favorevoli għandhom jiġu rrappurtati permezz tal-RASSF.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009, li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE [3] jitlob lill-Istati Membri li jżidu l-livell ta' kontrolli mal-importazzjoni tal-lanġas li joriġina mit-Turkija, bl-għan li tiġi vverifikata l-preżenta ta' amitraz fuq 10 % tal-konsenji kollha ta' dan il-prodott. Billi l-miżura ta' kontroll inkwistjoni se tkun applikabbli mill-25 ta' Jannar 2010, huwa xieraq li jiġi stabbilit tul ta' żmien fir-rigward tal-miżuri stipulati f'din id-deċizjoni biex jiġi evitat li dan jikkoinċidi mal-miżuri ta' kontroll stipulati fir-Regolament (KE) Nru 669/2009.

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
[2] ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
[3] ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11.

(6) L-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistipula l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri ta' emerġenza Komunitarji xierqa għal ikel u għalf importati minn pajjiż terz biex ikunu mħarsa s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent, meta r-riskju ma jistax jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri li jittieħdu mill-Istati Membri individwali.

(7) Minħabba fl-urġenza huwa xieraq li daw il-miżuri ta' emerġenza jiġu adottati f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 53(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki dokumentarji, fiżiċi u ta' identità, inklużi analiżi fil-laboratorju, fuq mil-inqas 10 fil-mija tal-konsenji ta' langas frisk li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 0808 20 10 u 0808 20 50 li joriġina fi jew li huwa kkonsenjat mit-Turkija. Il-konsenji għandhom jinżammu sakemm joħorġu r-riżultati tal-analiżi tal-laboratorju.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, li diġà tpoġġew fis-suq, jiġu soġġetti wkoll għal livell xieraq ta' kontroll.

3. Il-verifiki u l-kontrolli msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom b'mod partikolari jimmiraw lejn l-iżgurar li l-livell ta' amitraz ma jaqbiżx ir-residwu massimu Komunitarju stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

4. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw kull riżultat mhux favorevoli tal-analiżi tal-laboratorju msemmija fil-paragrafi 1 u 2 permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf.

5. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kumissjoni dwar ir-riżultati kollha kull ġimgħatejn. Ir-rapport għandu jkun f'format li għandu jkun ipprovdut mill-Kummissjoni u għandu jinkludi t-tagħrif li ġej:

(a) id-dettalji ta' kull konsenja, inkluż id-daqs fir-rigward tal-piż nett tal-konsenja;

(b) in-numru ta' konsenji li minnhom ittieħdu l-kampjuni għall-analiżi;

(ċ) ir-riżultati tal-verifiki dokumentarji, fiżiċi u ta' identità, inkluża l-analiżi tal-laboratorju.

6. Jekk il-verifiki u l-kontrolli msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jistabbilixxew nuqqas ta' konformità, għandha tittieħed azzjoni skont l-Artikoli 19, 20 u 21 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispejjeż imġarrba li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 jinġarru mill-operaturi responsabbli mill-importazzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tista' tiġi riveduta fid-dawl tar-riżultati msemmija fl-Artikolu 1(5).

Artikolu 3

Din id-Deċizjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u għandha tapplika sal-24 ta' Jannar 2010.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.